**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Spettur Gabriel Micallef)**

**kontra**

**JEAN PAUL FALZON**

**(I.D. No. 147991(M))**

Kaz Nru.: 393/14

**Illum, 2 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Jean Paul Falzon** ta' 22 sena, bin Raymond u Rosario nee' Mifsud, imwieled Pieta' fit-03 ta' Marzu 1991, residenti fi 36, Triq Sant'Anna, Marsaskala u detentur ta' karta tal-identita' numru 147991(M), permezz ta' liema gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, fit-13 ta' Novembru 2013 u fil-jiem ta' qabel din id-data, kellek fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema

droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
2. Ikommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili gejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1],

Rat id-digriet tal-assenjazzjonijiet ta' kawzi u doveri tal-Prim Imhallef tat-28 ta' Lulju 2021[2];

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet ghal-ismigh mill-gdid tax-xhieda mismugha viva-voce minn dina l-Qorti diversament preseduta[3];

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difiza filwaqt li rat li l-prosekuzzjoni strahet fuq il-provi prodotti.

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **PC10 Trevor Cassar Mallia** xehed illi fit-13 ta' Novembru 2013, in ezekuzzjoni ta' mandat f'isem il-qua imputat, waqqfu lill-istess imputat wara li hareg mid-dar tieghu gewwa Marsascala u dahal fil-vettura tieghu. F'din ir-residenza kien hemm persuna ohra, Jiofre Lia, li kien qed jilghab fuq il-kompjuter. Il-pulizija ghamlu tfittxija f'din ir-residenza. Mill-kcina giet elevata borza li go fiha kien hemm madwar tnax-il borza ohra kontenenti sustanza suspettata haxixa. Gie elevat ukoll *bong*, xi pajpijiet,

[1] Referenza ghal fol. 4 tal-atti processwali.
[2] Fol. 152 tal-atti processwali.
[3] Fol. 155 tal-atti processwali.

*crusher*, pakkett lubretti, *roaches*, sigaretti vojta, *ice-bong* u affarijiet ohra simili. In kontro-ezami x-xhud spjega li tfittxija fil-vettura rrizultat fin-negattiv.

2. **WPC 23 Geraldine Buttigieg** xehdet illi fit-13 ta' Novembru 2013 il-pulizija ezegwiet mandat f'isem il-qua imputat Jean Paul Falzon. Spjegat li huma lemhuh hiereg minn residenza fi Triq La Senglea Marsascala, fejn gie mwaqqaf u saret tfittxija fl-istess residenza. F'din ir-residenza nstabu borza b'hafna boroz zghar li go fihom kien hemm sustanza suspettata cannabis grass; <u>*ash-tray*</u> li kien fiha pipa b'xi tracci suspettati droga; mobile u crusher b'xi tracci. Minn hemmhekk saret ukoll tfittxija fir-residenza gewwa Triq Santa Marija gewwa Marsascala fejn fil-kamra tal-qua imputat f'din ir-residenza nstab ukoll foil b'xi tracci, pipi u *crusher* b'xi tracci ukoll.

3. **Spettur Gabriel Micallef** xehed li fit-13 ta' Novembru 2013 kien ta struzzjonijiet lil PC10; PC467; PC773 u WPC23 sabiex jezegwixxu mandat u jaghmlu tfittxija fuq il-persuna ta' Jean Paul Falzon kif ukoll fir-residenza tieghu. Spjega li l-qua imputat gie arrestat, mehud il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn hemmhekk ittiehdet stqarrija wara li kkonsulta privatament ma avukat. Din l-istqarrija l-imputat ghazel li ma jiffirmahiex. In kontro-ezami l-ispettur gie mistoqsi dwar dak li l-qua imputat ddikjara fl-istqarrija. Fl-istess kontro-ezami, x-xhud gie mistoqsi ukoll dwar jekk kienx gie elevat il-mobile tal-qua imputat. Ix-xhud ikkonferma li l-qua imputat kellu zewgt mobiles. Iz-zewgt mobiles kienu gew elevati. Wiehed minn dawn il-mobiles kien gie ivverifikat u ma rrizulta xejn relevanti ghall-proceduri odjerni ghaldaqstant dan il-mobile kien gie rrillaxxat lura lill-imputat. Il-mobile l-iehor gie ezebiet fil-atti tal-proceduri odjerni ghaliex ma kienx qed jixghel u ghaldaqstant ma setghux jaraw il-kontenut tieghu. In kontro-ezami l-ispettur gie mistoqsi jekk jirrizultalux li hemm xi provi li jikkontradixxu dak li ddikjara l-qua imputat fl-interrogazzjoni tieghu, ghal-liema domanda l-ispettur iwiegeb: "il-mod ta' kif instabet il-haxixa. Kif kienet imqassma f'pakketti separati". Id-difiza regghet telghet lill-ispettur Micallef sabiex jixhed in kontro-ezami fi stadju avvanzat tal-proceduri[4] fejn l-ispettur ikkonferma bil-gurament li l-ewwel imputazzjoni nghatat minhabba l-ammont ta' pakketti li nstabu fil-pussess tal-imputat u dana qabel ma ha konjizzjoni tar-relazzjonijiet tax-Xjenzat Sammut u Dr. Bajada. Jikkonferma ukoll li l-crusher u l-oggetti l-ohrajn kollha relatati mat-tehid tal-Cannabis instabu flimkien mal-Cannabis gewwa r-residenza

[4] Ara fol. 146 tal-atti processwali

tal-imputat. Jghid ukoll li qabel l-interrogatorju tal-imputat ma kienx konsapevoli li l-imputat kien diga kellu kundanna fuq pussess tal-Cannabis. Fl-ahhar net jikkonferma, li sa fejn jaf hu, l-qua imputat qatt ma saret referenza ghalih f'investigazzjonijiet ohra sussegwentament ghal dan il-kaz.

4. **PC773 Ryan Tonna** ddikjara bil-gurament li fit-13 ta' Novembru 2013 kienu waqqfu karozza tal-ghamla Peugeot li fiha kien hemm il-qua imputat u saret tfittxija fid-dar tieghu gewwa Marsascala fejn instabet borza kontenti 12 il-borza li kienu kontenenti sustanza hadra suspettata Cannabis. Instabu ukoll shredder u ash-tray b'xi roaches fuq il-mejda fil-kcina. Spjega ukoll li go kamra ohra kien hemm Jofre Lia li kellu pakkett tat-tabakk li go fih kien hemm pakkett suspettata haxixa.

5. **PC1250 Paul Saliba** li xehed dwar il-volontarjeta' tal-istqarrija rrilaxxata mill-qua imputat fi stadju ta' investigazzjonijiet, liema stqarrija tinsab inserieta a fol. 22 tal-atti processwali odjerni u giet immarkata bhala Dok. GM.

6. Xehed ukoll **ix-xjenzat Godwin Sammut**, li kien nominat minn dina l-Qorti (diversament preseduta) sabiex janalizza s-sustanza u oggetti allegatament relatati mat-tehid ta' sustanza illecita, immarkati bhala Dok. GM1[5]. Fil-konkluzzjoni tieghu huwa ddikjara:

> *"Illi fuq estratti mehuda mill-haxix ta' lew ahdar li hemm fid-dokumenti 136_17_01 u 136_17_02 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC). Il-piz tal-haxix ta' lew ahdar kien ta' 14.35 grammi u l-purita' kienet ta' circa 4.5%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht it-Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*
> *Illi fuq estratti mehuda minn fuq il-joints, pipi, bong, crusher u foil li hemm fid-dokumenti 136_17_01, 136_17_02, 136_17_03 u 136_17_05 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC)."*[6]

7. **Ex PC467 Graeme Baldacchino Lia** kkonferma ukoll li fit-13 ta' Novembru 2013 waqqfu lill-imputat gewwa l-vettura tieghu f'Wied il-Ghajn hdejn il-*Pizza by Luca*. Saret tfittxija fil-post mhux fejn kien jorqod

[5] Referenza a fol. 5 tal-atti processwali.
[6] Fol. 47 tal-atti processwali odjerni.

imma go flat zghir f'Wied il-Ghajn stess. Waqt it-tfittxija f'dan il-post instabet borza li allegatament kien fiha sustanza hadranija u xi affarijiet relatati mal-konsum tal-Cannabis. Saret ukoll tfittxija fir-residenza fejn kien jorqod fejn hemmhekk instabu ukoll xi affarijiet allegatament relatati mal-konsum tad-droga. Huwa spjega li fil-vicinanzi tal-post fejn instabet id-droga hemm bandli. Huwa spjega li ma jistghax jghid bi precizzjoni kemm kien 'il boghod il-bandli minn dina r-residenza madanakollu jikkonferma li l-bandli ma kienux 'il boghod.

8. Xehed ukoll **Dr. Martin Bajada**, li kien nominat minn dina l-Qorti (diversament preseduta) sabiex janalizza u johrog il-kontenut tal-mobile ezebiet u mmarkat bhala GM2[7]. Huwa pprezenta r-relazzjoni tieghu fis-7 ta' Mejju 2018[8]. Dina l-Qorti analizzat dak estratt mill-mobile analizzat minn Dr. Bajada u ma rrizultalha xejn li jistgha jkun konness mat-traffikar tad-droga.

Fil-15 ta' Mejju 2019 d-difiza talbet li jsir *social inquiry report* fil-konfront tal-qua imputat[9]. F'Jannar 2020 xehdet **il-Probation Officer Sarah Bezzina** fejn ipprezentat l-imsemmi *social inquiry report[10].* Mill-imsemmi rapport jirrizulta li l-qua imputat trabba f'ambjent tajjeb. Fiz-zmien li sar ir-rapport jidher li Falzon kellu relazzjoni tajba mal-familja tieghu. Jidher li ghandu ukoll relazzjoni stabbli li kienet ilha ghal sitt snin. Kif ukoll li kellu mpjieg. Mill-istess rapport jidher li l-qua imputat beda jabbuza mid-droga cannabis meta kellu biss hmistax-il sena. Ta tmintax-il sena beda jabbuza ukoll mill-eroina u dan ghamlu ghal sentejn biss fejn kien waqaf jabbuza minn dina s-sustanza minn jeddu. L-imputat waqqaf l-ukoll l-uzu tal-Cannabis minn jeddu f'Gunju tas-sena 2019. Bezzina spjegat ukoll li waqt li hija kienet qed tipprepara r-rapport taghha ttiehdu diversi kampjuni tal-urina li kollha rrizultaw fin-negattiv. Bhala pjan ta' kura l-Probation Officer rrakomandat is-segwenti:

> "*Mill-informazzjoni migbura ghal dan ir-rapport jirrizulta li Jean Paul Falzon igawdi minn sapport kbir minn dawk ta' madwaru specjalment minn ommu u s-siehba teighu, kif ukoll qieghed jghix hajja ta' bzulija. L-imputat jinsab ingaggat f'impjieg tajjeb u ghalhekk huwa ghandu jkompli jahdem u jistinka ghal hajja stabbli u produttiva.*"[11]

---

[7] Referenza ghal fol. 6 tal-atti processwali.
[8] Ara fol. 66 tal-atti processwali.
[9] Ara fol. 122 tal-atti processwali odjerni.
[10] Ara fol. 130 et seq. tal-atti processwali odjerni.
[11] Fol. 134 tal-atti processwali

**Ikkunsidrat ulterjorament:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-qua imputat gie akkuzat talli fit-13 ta' Novembru 2013 huwa nstab li kien fil-pussess xjenti tas-sustanza Cannabis (pjanta Cannabis jew bicca minnha) f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni[12], hekk kif spjegat iktar fid-dettal fil-paragrafi precedenti ta' din is-sentenza (u hawnhekk issir referenza partikolari ghax-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li ezegwew il-mandat ta' tfittxija mahrug fil-konfront tal-qua imputat kif ukoll ghax-xhieda tax-xjenzat Godwin Sammut li kkonferma li dik is-sustanza misjuba kienet haxix ta' lewn hadrani u minn estratti mehuda mill-istess sustanza nstabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol), jirrizulta li l-qua imputat instab fil-pussess xjenti tad-droga Cannabis fl-ammont ta' 14.35g b'purita ta' circa 4.5%. Dan id-difiza ma hijiex qed tikkontestah. Tant hu hekk illi mil-verbal tal-ewwel udjenza fil-proceduri odjerni jirrizulta li l-imputat rregistra ammissjoni ghall-pussess semplici tal-cannabis[13]. Dak li jidher li d-difiza qeghda tikkontesta huwa l-pussess aggravat tad-droga Cannabis u cioe' l-fatt li l-pussess hawn fuq imsemmi kien wiehed li nstab f'cirkostanzi li juru li ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-qua imputat u dana hekk kif jirrizulta li hu akkuzat permezz tal-ewwel imputazzjoni.

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni (hekk kif spjegat iktar fid-dettal fil-paragrafi precedenti) jirrizultaw is-segwenti cirkostanzi:

1. Il-qua imputat gie arrestat waqt li kien fil-vettura tieghu tal-marka Peugeot wara li hareg minn fond gewwa Triq La Senglea Marsascala. Tfittxija li saret fil-vettura tieghu rrizultat negattiv. Mill-provi mressqa lanqas ma jirrizulta li fuq il-persuna tieghu l-qua imputat kellu xi sustanza illecita. Dan juri li l-pussess tad-droga illecita kien limitat biss ghall-postijiet li fihom kien joqghod l-imputat u ma tirrizulta l-ebda prova li l-imputat hareg bid-droga bil-ghan li forsi jiltaqa ma' terzi.

2. Illi s-sustanza Cannabis nstabet fir-residenza tieghu flimkien ma diversi oggetti relatati mal-abbuz tad-droga fosthom crusher, bong, xi pajpijiet, pakkett lubretti, roaches, sigaretti vojta, ice-bong u affarijiet ohra simili. Il-prezenta ta' uhud minn dawn l-oggetti fl-imsemmija residenza tindika fiha nfisha l-konsum tad-droga mill-persuna li nstabet fil-pussess taghhom u

[12] F'dan ir-rigward.
[13] Ara fol. 5 tal-atti processwali.

cioe' l-imputat. F'dan ir-rigward issir referenza ghal bong, pajpijiet, foil, roaches, u sigaretti vojta fost ohrajn. Dan huwa ikkollaborat bir-rapport tax-xjenzat Godwin Sammut li kkonkluda li fuq uhud minn dawn l-oggetti nstabu tracci tas-sustanza Cannabis. Din il-konkluzzjoni min-naha tax-Xjenzat Sammut tindika li effettivament dawn l-oggetti ntuzaw ghat-tehid tal-Cannabis.

3. Illi l-ammont ta' Cannabis li nstab fir-residenza tal-imputat odjern kien dak ta' 14.35 grammi. Dan l-ammont tas-sustanza Cannabis instab principalment fi tlettax-il qartas. Kull qartas gie imwiezen separatament mix-xjenzat Godwin Sammut. Il-pizijiet ta' dawn il-qratas huma s-segwenti: 0.75g; 0.82g; 0.81g; 0.96g; 2.70g; 1.04g; 1.01g; 0.78g; 2.67g; 0.60g; u 0.70g. Minn dawn il-pizijiet jirrizulta car li ma hemmx konformita fil-piz tal-qratas. Fil-fatt dawn ivvarjaw minn 0.60g sa 2.70g. Fil-fehma ta' dina l-Qorti meta l-qratas ikunu intizi ghat-traffikar normalment il-piz ta' kull qartas ikun relattivament l-istess u fil-fatt dawn isiru bl-uzu ta' mizien sabiex ma jkunx hemm dina l-averija fil-pizijiet. Mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni, ghalkemm jirrizulta li nstabu diversi affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, mizien ma jirrizultax li nstab. Din ic-cirkostanza, fil-fehma ta' dina l-Qorti, ma hijiex indikattiva li d-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-qua imputat u dana l-ghaliex persuna li bi hsiebha tittraffika d-droga ha taghmel dan bi profit u ghaldaqstant ha tkun ferm attentata li ma jkunx hemm dina d-differenza fil-pizijiet li kjarament jirrizulta fil-kaz prezenti.

4. Illi mill-provi mressqa (senjatament mix-xhieda tal-ispettur Micallef) jirrizulta li l-qua imputat kien fil-pussess ta' zewgt mobile phones fil-hin tal-arrest. Dawn gew it-tnejn elevati mill-pulizija. Wiehed minnhom gie analizzat mill-ispettur u wara li ma nstab xejn relatat mad-droga dan gie mghoti lura lill-imputat. Dina l-Qorti ma ghandhiex raguni l-ghaliex tiddubita mill-verzjoni ta' fatti mghotija bil-gurament mill-ispettur Micallef f'dan ir-rigward. It-tieni mobile ma setghax jinfetah mill-pulizija u ghaldaqstant dan gie pprezentat fl-iter tal-proceduri odjerni u analizzat minn Dr. Martin Bajada li rrelata dwar il-kontenut tal-istess mobile. Mir-relazzjoni pprezentata minn Dr. Bajada fir-rigward tat-tieni mobile ma rrizulta xejn ukoll li huwa relatat mat-tehid tad-droga. Ghaldaqstant, mill-mobiles elevati mill-pulizija ma rrizulta xejn li jisghta jkun indikattiv ghat-traffikar tad-droga Cannabis.

5. Illi mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li wettqu l-arrest jirrizulta li kien hemm persuna ohra fl-istess residenza li dak il-hin kienet qed tilghab bil-kompjuter. Fil-kamra hdejn dina il-persuna nstabet xi sustanza mahsuba li kienet Cannabis. Fil-fatt mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija jidher li ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta' dina l-persuna. Madanakollu dina l-Qorti hija kompletament sprovista minn kwalunkwe prova li turi ness bejn is-sustanza misjuba ghand dina t-terza persuna u l-qua imputat jew inkella s-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat.

Fid-dawl ta' dak li nghad iktar 'il fuq u fid-dawl tal-provi mressqa, l-unika cirkostanza li tista' possibilment tindika li d-droga misjuba fil-pussess tal-qua imputat ma kinitx ghall-uzu personali tieghu kienet l-ammont tad-droga (14.35g) u l-fatt li dan l-ammont kien imqassam f'numru ta' qratas (13). Dan huwa kkonfermat ukoll mill-kontro-ezami tal-ispettur Micallef li bil-gurament iddikjara ghal iktar minn darba li l-ewwel imputazzjoni giet dedotta minhabba n-l-ammont u n-numru ta' qratas misjuba fir-residenza tal-imputat.

Illi s-sentenza mghotija nhar is-27 ta' April 2017 mill-Qorti ta' l-Appell hekk kif preseduta mill-Onor. Imhallef Edwina Grima fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs. Lawrence Fabri</u>** nghad:

> *"<u>Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li ghandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont, kwalita jew kwantita ta' droga involuta</u>. <u>Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi ghalkemm l-ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat</u> u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita. Illi allura l-Ewwel Qorti iggwidat b'dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u legali sewwa ghamlet meta minn ezami tac-cirkostanzi tal-kaz setghet fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi tinferixxi illi d-droga li instabet fil-pussess ta'l-appellanti kienet tali li tindika li din ma kenitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu."* (emfazi ta' dina l-Qorti)

L-ammont ta' tlettax il-qartas konsistenti fi 14.35g Cannabis ma huwiex wiehed negligibli madanakollu lanqas huwa wiehed sostanzjali. Huwa ammont li jistgha jkun indikattiv kemm ta' uzu personali kif ukoll ta' traffikar. Hekk kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati Maltin l-ammont tad-droga huwa wiehed mic-cirkostanzi

indikattivi (u mhux l-unika cirkostanza indikattiva) sabiex wiehed jiddetermina jekk id-droga kinitx intiza sabiex tkun traffikata jew altriment ikkonsmata mill-pussessur. Dan ghandu jsir fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz hekk kif jemergu mill-provi pprezentati. Fil-kaz prezenti, mhux talli l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest minnha bil-ligi cirkostanzi ohra li fl-assjem taghhom jistghu jindikaw il-pussess aggravat tad-droga Cannabis, izda mill-provi mressqa jirrizultaw cirkostanzi li fl-assjem taghhom huma iktar indikattivi ta' pussess semplici milli pussess aggravat. Hawnhekk isir referenza specifika ghal dak li ntqal iktar kmieni f'din is-sentenza fir-rigward tal-mobiles tal-imputat; fejn instabet id-droga (kollha gewwa r-residenzi tal-imputat filwaqt li huwa gie arrestat barra mill-imsemmija residenza); kif kienet imqassma d-droga; l-piz sporadiku tal-qratas u l-oggetti li nstabu flimkien mad-droga.

Ghal dawn ir-ragunijiet dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-qua imputat kien fil-pussess xjenti tad-droga Cannabis f'cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Madanakollu dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubbju detatt mir-raguni ir-reat ta' pussess semplici tad-droga Cannabis - reat li huwa kompriz fir-reat hekk dedott fl-ewwel imputazzjoni.

Illi t-tieni imputazzjoni tirrigwardja l-aggravju tal-mitt metru, liema aggravju huwa intrinsikament abbinat mal-ewwel imputazzjoni hekk kif dedotta fic-citazzjoni u cioe' dik tal-pussess aggravat. Jirrizulta li l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova in sostenn ta' dina l-imputazzjoni. Di piu', galadarba ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija dina l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel imputazzjoni ta' pussess aggravat ma tirrizultax pruvata u galadarba dan l-aggravju huwa abbinat unikament mal-imputazzjoni ta' pussess aggravat, dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lil qua imputat minn dina l-imputazzjoni hekk kif dedotta.

Fir-rigward ta' liema piena ghandha tigi nflitta dina l-Qorti qieset in-natura tal-imputazzjoni li taghha l-imputat ser jinsab hati u cioe' dik ta' pussess semplici, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont tad-droga mertu tal-proceduri odjerni; l-fedina penali tal-imputat, il-fatt li fiz-zmien tar-reat odjern jidher li l-qua imputat kien jabbuza mid-droga Cannabis b'mod regolari u llum jidher li rnexxielu jindirizza kif ukoll jeghleb dan il-vizzju; u r-rakkomandazzjoni maghmula mill-*Probation Officer* fis-*social inquiry report* imhejji minnha. Fl-ahhar net il-Qorti qieset ukoll l-emendi introdotti fil-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021 partikolarment l-artikolu 4A(2) tal-istess Kapitolu.

**Decide**

Għaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(d); 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, għar-ragunijiet hawn fuq imsemmija qegħda tillibera lill-qua imputat Jean Paul Falzon mit-tieni imputazzjoni filwaqt li għal dak li jirrigwardja l-ewwel imputazzjoni qed issib lill-istess imputat Jean Paul Falzon ħati biss talli kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha u konsegwentament b'applikazzjoni tas-subartikolu 4A(2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundanah għall-penali ta' Eur. 70.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali dina l-Qorti qegħda tordna lill-imputat Jean Paul Falzon sabiex fi żmien sitt xhur millum iħallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 670.24 konnessi mal-ħatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni.

Finalment, il-Qorti tordna ukoll d-distruzzjoni tad-droga li tinsab ezebieta bħala Dok. GM1, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in gudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Registratur li għandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA

Christine Farrugia

Deputat Registratur